MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 19/09

**It-Tlieta 22 ta' April 2025**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Marija Micallef – Kunsilliera
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

19.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

19.4 SPI/SCI/06/2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali;

19.5 Jum il-Gudja 2025;

19.6 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita' – Bord ta' Aġudikazzjoni;

19.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

19.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
e. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

19.9 Rapporti (Rapport Finanzjarju Jan – Mar 2025);

19.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti
## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 19.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kien hemm ittri ta' apoloġija.

### 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 17/09 nem con.

**19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

19.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kellu laqgħa mall-perita minn TM, is-Sa. Antoinette Conti u xi uffiċjali oħra minn TM dwar diversi proġetti u talbiet li kien hemm minn naħa tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li rigward l-installazzjoni tal-magna tal-BCRS fi Triq Bir Miftuħ, TM m'għandux oġezzjoni biex din titressaq hemm. Is-Sindku żied jgħid li qed jintalab sabiex il-Kunsill jagħmel xi tip ta' qafas tal-injam biex din ikollha dehra isbaħ.

19.3.2 Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-karozzi fuq il-ħamrija fi Triq Ħal-Resqun. Is-Sindku qal li l-karozzi naqsu ħafna u għalhekk il-Kunsill ser ikun f'pożizzjoni li jkun jista' jaħrat din il-ħamrija.

19.3.3 Rigward il-karozzi tal-kiri fi Triq Ħal Resqun, is-Sindku qal li matul l-aħħar ġimgħat il-karozzi żdiedu speċjalment minħabba l-vaganzi tal-Għid. Is-Sindku żied jgħid qed jitħallew il-karozzi biz-z plate pparkjati fi triq. Din il-problema qed tkun ukoll fi Triq P. Cagliardi fejn qed jinkrew il-karozzi fi triq u jinħaslu wkoll. Il-Kunsilliera C Chetcuti proponiet li l-Kunsill jieħu parir tal-avukat tiegħu dwar din il-kwistjoni.

17:15hr il-Kunsilliera M.Micallef u S.Caruana jingħaqdu fil-laqgħa.

19.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni mid-DLG dwar l-art fi Triq il-Markiża, Gudja.

19.3.5 Saret referenza għall-biċċa art mitluqa fi Triq J.Gravina fejn is-Sindku qal li ntefgħu xi karozzi mitluqa hemm. Dwar dan infurmati l-pulizija.

19.3.6 Ġie preżentat ir-rapport li sar mill-Contracts Manager għax-xahar ta' April 2025.

19.3.7 Is-Sindku għamel referenza għas-servizz tal-ġbir tal-iskart fejn qed ikun ġranet fejn l-iskart mhux qed jinġabar u l-Kunsill qed ikollu jirrapporta dawn in-nuqqasijiet mar-Reġjun.

19.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fil-ġranet li ġejjin ser jinbeda xogħol fi Triq San Ċiru minn IM. Il-Kunsill ser jinforma lir-residenti b'dawn ix-xogħlijiet.

19.3.9 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fuq l-isprall tad-daħla ta' Ġnien il-Qari kien sar mill-kuntrattur.

19.3.10 Is-Sindku qal li ġew xi ħaddiema minn naħa tar-Restoration Unit fejn ħadu balabostra minn fejn l-istatwa tad-Duluri biex jagħmlu balabostri ġodda bħalhom. Dan ix-xogħol ser isir minn studenti tal-MCAST.

19.3.11 Ġiet preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Grupp Armar Santa Marija fejn saret talba biex jibda jintrema nar tal-art fi Triq San Mark (fejn l-iskola) matul il-festa ta' Santa Marija. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-ewwel jinġiebu no objection mingħand il-pulizija, Dipartiment tal-Edukazzjoni u mill-kumpanija tal-Assigurazzjoni, mbgħad il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bid-deċiżjoni tiegħu. Il-Kunsill talab ukoll li jintbgħatu dimensjonijiet tan-nar tal-art.

19.3.12 Il-Kunsill approva s-somma ta' elf ewro sabiex jinxtraw il-kotba għall-librerija tal-Gudja.

19.3.13 Is-Sindku propona li fil-parti ta' isfel ta' Triq Bir Miftuħ, fejn Ġnien il-Kmand jitwaħħlu t-tabelli tal-iskema tal-parkeġġ ukoll. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**19.4 SPI/SCI/06/2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Wara diskussjoni li saret fuq din l-applikazzjoni, il-Kunsill qabel li japplika biex jinxtraw bankijiet u litter bins għal Ġnien Raymond Caruana.

**19.5 Jum il-Gudja;**

Is-Sindku għamel referenza għall-attvitajiet ta' Jum il-Gudja 2025, fejn is-Sindku propona sabiex isir l-attivita' fuq il-palk nhar il-Ħadd 13 ta' Lulju 2025 bħala parti mill-Lejla Sajfija u ċelebrazzjoni ta' Jum il-Gudja ser isir fil-ġurnata tagħha nhar il-15 ta' Lulju b'quddiesa, tberik tal-plakka tal-vittmi tal-gwerra, sehem tal-baned u wara ssir iċ-ċerimonja fuq iż-żuntier. Ġiet proponut li jsiru xi ħarġiet matul dik il-ġimgħa. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**19.6 Sejħa għall-offerti: Xiri tal-van għal komunita' – Bord ta' Aġudikazzjoni;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li s-sejħa għall-offerti kienet ħarġet fuq is-sistema tal-EPPS u ser tagħlaq fid-9 ta' Mejju 2025. Is-Sindku propona sabiex fil-bord tal-aġudikazzjoni jkun hemm l-accountant tal-Kunsill, l-Inġinier tar-Reġjun u is-Sur George Fenech, CEO tal-OPSA. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

**19.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

19.7.1 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex il-Kunsill tal-Gudja jibgħat proposta lill-Kunsill ta' Għajnsielem sabiex isir ġemellaġġ ma' din il-lokalita' għal fatt li żewġ lokalitajiet jiċċelebraw il-festa tal-Madonna ta' Loreto. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

19.7.2 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tiġ mnaddfa l-ħamrija ta' quddiem Ġnien il-Kmand.

19.7.3 Il-Kunsillier S Caruana nforma lill-Kunsill li Dawret il-Gudja qed tkun mitfija.

**19.8 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kien ngħab il-materjal biex tinbeda l-art tal-ġnien. Is-Sindku qal li l-proġett mistenni jitlesta sa' Ġunju 2025. Il-Viċi Sindku propona sabiex isir railing mad-dawra fejn jitqeddu l-imwejjed u siġġijiet tal-gabbana.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali - progress
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fil-latrina pubblika waslu biex jitlestew, fejn bħalissa qed jitwaħħlu s-settijiet.

**19.9 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**19.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 11/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku A Dalli u sekondata mill-Kunsilliera C Chetcuti għall-ammont totali ta' €22,383.24 u ġiet approvata nem con.

**19.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (6:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 20 ta' April 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum L-Erbgħa 21 ta' Mejju 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv